SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

tal-25 ta' Ġunju 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema – Direttiva 2003/88/KE – Artikolu 7 – Ħaddiem imkeċċi illegalment u rreintegrat permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja fil-funzjonijiet tiegħu – Esklużjoni tad-dritt għal-leave annwali mħallas mhux meħud għall-perijodu bejn it-tkeċċija u r-reintegrazzjoni – Assenza tad-dritt għal kumpens finanzjarju għal leave annwali mhux meħud għall-istess perijodu fil-każ ta' terminazzjoni sussegwenti tar-relazzjoni ta' impjieg"

Fil-Kawżi magħquda C-762/18 u C-37/19,

li għandhom bħala suġġett żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Rayonen sad Haskovo (il-Qorti Distrettwali ta' Haskovo, il-Bulgarija) (C-762/18) u mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja) (C-37/19), permezz ta' deċiżjonijiet tas-26 ta' Novembru u tas-27 ta' Novembru 2018, li waslu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja rispettivament fl-4 ta' Diċembru 2018 u fil-21 ta' Jannar 2019, fil-proċeduri

QH

vs

Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria,

fil-preżenza ta':

Prokuratura na Republika Bulgaria (C-762/18),

u

CV

vs

Iccrea Banca SpA (C-37/19),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, L. Bay Larsen, C. Toader u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: M. Aleksejev, Kap ta' Unità,

* Lingwi tal-kawża: il-Bulgaru u t-Taljan.

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Diċembru 2019,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal QH, minn S. Lateva u A. Slavchev, advokati,

– għall-Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria, minn M. Hristova-Nikolova, Z. Stoykov u L. Panov, bħala aġenti,

– għal CV, minn F. Proietti, avvocato,

– għal Iccrea Banca SpA, minn A. Maresca u F. Boccia, avvocati,

– għall-Gvern Bulgaru, minn E. Petranova u L. Zaharieva, bħala aġenti,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn L. Fiandaca, avvocato dello Stato,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, D. Lutostańska u A. Siwek-Ślusarek, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. van Beek, C. Zadra u Y. G. Marinova, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2020,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381), kif ukoll tal-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' żewġ tilwimiet bejn, minn naħa, QH u l-Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, iktar 'il quddiem il-"Qorti Suprema tal-Kassazzjoni") dwar l-applikazzjoni, minn din tal-aħħar, ta' ġurisprudenza allegatament inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u li kellha l-effett li ċċaħħad lil QH minn kumpens għal leave annwali mħallas mhux użat għall-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija illegali tagħha u dik tar-reintegrazzjoni tagħha fl-impjieg li hija kellha (Kawża C-762/18) u, min-naħa l-oħra, CV u Iccrea Banca SpA fir-rigward ta' fatti simili (Kawża C-37/19).

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessa 5 tad-Direttiva 2003/88 tistipula:

"Il-ħaddiema kollha għandhom ikollhom perijodi adekwati ta' serħan. Il-kunċett ta' "serħan" għandu jkun espress f'unitajiet ta' ħin, i.e. f'jiem, f'sigħat u/jew frazzjonijiet tagħhom. Il-ħaddiema tal-Komunità għandhom ikunu mogħtija il-perijodi minimi ta' serħan ta' kull jum u ta' kull ġimgħa, u waqfien adekwati. Huwa wkoll meħtieġ li f'dan il-kuntest jitqiegħed limitu massimu fuq sigħat tax-xogħol ma tul kull ġimgħa."

4 Bit-titolu “Leave annwali”, l-Artikolu 7 ta’ din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal-leave annwali bil-ħlas ta’ mill-anqas erba’ ġimgħat b’konformità mal-kondizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta’, leave bħal dan stabbilit bil-leġislazzjoni nazzjonali u/jew bil-prattika.

2. Il-perijodu minimu ta’ leave annwali bil-ħlas ma jistgħax ikun mibdul b’pagament ta’ benefiċji bħala kumpens, apparti minn meta r-relazzjoni ta’ l-impieg tkun ġiet itterminata.”

Id-dritt Bulgaru

Il-Kodiċi Industrijali

5 Skont kliem l-Artikolu 155(1) tal-Kodeks na truda (il-Kodiċi Industrijali), “[k]ull ħaddiem għandu dritt għal leave annwali mħallas”.

6 Skont l-Artikolu 224(1) ta’ dan il-kodiċi:

“Fil-każ tat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta’ impjieg, il-ħaddiem għandu jkun intitolat għal kumpens finanzjarju għal xi leave annwali mħallas mhux meħud […]”

7 L-Artikolu 225 tal-imsemmi kodiċi jipprevedi:

“1. Fil-każ ta’ tkeċċija illegali, il-ħaddiem għandu dritt għall-ħlas mill-persuna li timpjega ta’ kumpens li l-ammont tiegħu ikun daqs dak tar-remunerazzjoni gross tiegħu għall-perijodu li matulu huwa baqa’ mingħajr impjieg minħabba din it-tkeċċija, madankollu l-massimu huwa ta’ sitt xhur.

2. Jekk, matul il-perijodu msemmi fil-paragrafu preċedenti, il-ħaddiem kellu impjieg imħallas inqas, huwa għandu dritt għall-ħlas tad-differenza tas-salarju. Dan id-dritt huwa mogħti wkoll lil ħaddiem li ġie ttrasferit illegalment lejn impjieg ieħor imħallas inqas.

[…]”.

8 L-Artikolu 354(1) tal-istess kodiċi huwa fformulat kif ġej:

“Il-perijodu li matulu ma eżistiet l-ebda relazzjoni ta’ impjieg għandu bl-istess mod jiġi rrikonoxxut bħala perijodu ta’ servizz meta:

1. Il-ħaddiem kien mingħajr impjieg minħabba tkeċċija li ġiet iddikjarata illegali mill-awtoritajiet kompetenti, u dan mid-data tat-tkeċċija sad-data tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg;

[…]”.

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

9 Skont kliem l-Artikolu 290 tal-grazhdanski protsesualen kodeks (il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili):

“(1) L-appell jinstema’ minn kulleġġ ġudikanti kompost minn tliet Imħallfin [tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni] li jippresjedu f’seduta pubblika.

(2) [Il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni] għandha tivverifika r-regolarità tal-ġudizzju fl-appell biss fid-dawl tal-aggravji mqajma fl-appell."

10 L-Artikolu 291 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi:

"Meta l-ġudizzju fl-appell ingħata f'kuntest ta' ġurisprudenzi diverġenti:

1. [Il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni] għandha tindika f'deċiżjoni motivata liema mill-ġurisprudenzi diverġenti hija tqis adegwata; f'dan il-każ, [hija] għandha tiddeċiedi l-kawża abbażi ta' din il-ġurisprudenza;

2. Meta [hija] tiddeċiedi li, fid-deċiżjonijiet, il-ġurisprudenza hija żbaljata, [hija] għandha tindika r-raġuni għal dan f'deċiżjoni motivata; f'dan il-każ, [hija] tagħti deċiżjoni billi tinterpreta l-liġi abbażi taċ-ċirkustanzi tal-kawża;

3. Meta [hija] tiddeċiedi li l-ġurisprudenzi diverġenti ma humiex applikabbli għat-tilwima, [hija] għandha tindika r-raġuni għal dan f'deċiżjoni motivata; f'dan il-każ, [hija] tagħti deċiżjoni billi tinterpreta l-liġi abbażi taċ-ċirkustanzi tal-kawża."

Id-dritt Taljan

11 It-tielet paragrafu tal-Artikolu 36 tal-Costituzione della Repubblica Italiana (il-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana) jipprevedi:

"Il-ħaddiem għandu dritt għal serħan ta' kull ġimgħa u għal leave annwali mħallas u ma jistax jirrinunzja għalihom."

12 L-Artikolu 10 tad-decreto legislativo n. 66 – Attuazione delle direttive 93/104/CE e 2000/34/CE concernenti taluni aspetti dell'organizzazione dell'orario di lavoro (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 66, li jimplimenta d-Direttivi 93/104/KE u 2000/34/KE dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol) tat-8 ta' April 2003 (GURI Nru 87 tal-14 ta' April 2003, Suppliment Ordinarju Nru 61), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-37/19, huwa fformulat kif ġej:

"[…][Il]-ħaddiem għandu dritt għal leave annwali mħallas ta' minn tal-inqas erba' ġimgħat. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet kollettivi u tar-regoli speċifiċi dwar il-kategoriji msemmija fl-Artikolu 2(2) il-ħaddiem għandu jieħu minn tal-inqas ġimgħatejn minn dan il-perijodu, konsekuttivi fil-każ li huwa jitlob dan, matul is-sena li fiha jinkiseb dan id-dritt, u, fir-rigward tal-ġimgħatejn li jifdal, fi żmien it-tmintax-il xahar ta' wara s-sena li fiha nkiseb dan id-dritt.

Dan il-perijodu minimu ta' erba' ġimgħat ma jistax jiġi ssostitwit bil-kumpens għal leave mhux meħud, ħlief fil-każ ta' xoljiment tar-relazzjoni ta' impjieg […]".

13 Intitolat "Leave", l-Artikolu 52 tal-Contratto collettivo nazionale di lavoro per le Banche di Credito Cooperativo, Casse Rurali ed Artigiane (il-Ftehim Kollettiv Nazzjonali ta' xogħol għall-banek kooperattivi, agrikoli, u tal-artiġjanat) tas-7 ta' Diċembru 2000, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-37/19, jipprevedi:

"[…]

Id-dritt għal-leave ma jistax jiġi rrinunzjat. Il-leave għandu jittieħed matul is-sena kalendarja li matulha jiġi ġġenerat.

Jekk ir-relazzjoni ta' impjieg tispiċċa, ħaddiem li ma użax, kompletament jew parzjalment, id-dritt għal-leave tiegħu għas-sena kalendarja attwali, li għalih huwa kiseb id-dritt […] abbażi ta' wieħed minn kull tnax tal-perijodu ta' leave annwali għall kull xahar sħiħ ta' servizz imwettaq mill-ewwel ta' Jannar, għandu jkun intitolat għal pagament ta' benefiċċji li jikkorrispondi għal remunerazzjoni tal-ġranet tal-leave annwali mhux meħuda.

Fil-każ ta' assenza mis-servizz, il-perijodu ta' leave li għalih għandu dritt il-ħaddiem jitnaqqas b'daqstant wieħed minn kull tnax daqs kemm kien hemm xhur ta' assenza.

[…]".

14 L-Artikolu 53 ta' dan il-ftehim kollettiv, intitolat "Leave speċjali għal vaganzi pubbliċi mħassra", jipprevedi:

"Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet legali fil-qasam tal-vaganzi pubbliċi, għandhom jingħataw ġranet ta' leave u/jew ta' leave speċjali li għandhom jittieħdu matul is-sena kalendarja, anki b'estensjoni ta' perijodi ta' leave.

[…]

Il-leave speċjali previst iktar 'il fuq u li ma tteħidx matul is-sena kalendarja, irrispettivament mir-raġuni għal dan, […] għandhom jiġu llikwidati abbażi tal-aħħar remunerazzjoni rċevuta matul is-sena ta' riferiment."

15 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-37/19 essenzjalment jirriżulta li, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 18 tal-legge n. 300/1970 (lil-Liġi Nru 300/1970) tal-20 ta' Mejju 1970 (GURI Nru 131 tas-27 ta' Mejju 1970), intitolat "Protezzjoni tal-ħaddiem fil-każ ta' tkeċċija illegali", jipprevedi li, f'tali każ, il-qorti, fid-deċiżjoni li permezz tagħha tiddikjara n-nullità tat-tkeċċija meqjusa diskriminatorja, tordna lill-persuna li timpjega jirreintegra lill-ħaddiem fil-post tax-xogħol, irrispettivament mir-raġuni formali li ġiet invokata u irrispettivament min-numru ta' ħaddiema impjegati mill-persuna li timpjega. Il-qorti għandha wkoll tikkundanna lill-persuna li timpjega tikkumpensa lill-ħaddiem għad-dannu kkawżat mit-tkeċċija li ġiet iddikjarata nulla jew invalida, permezz ta' kumpens.

It-tilwimiet fil-kawżi prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Kawża C-762/18

16 QH, impjegata fi skola, tkeċċiet permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' April 2004. Permezz ta' sentenza tar-Rayonen sad Plovdiv (il-Qorti Distrettwali ta' Plovdiv, il-Bulgarija), li saret definittiva, din it-tkeċċija ġiet iddikjarata illegali u QH ġiet irreintegrata fl-impjieg tagħha fl-10 ta' Novembru 2008.

17 Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Novembru 2008, QH kienet is-suġġett ta' tkeċċija ġdida. Din l-aħħar tkeċċija ma kinitx is-suġġett ta' rikors.

18 Fl-1 ta' Lulju 2009, QH ippreżentat rikors kontra l-iskola li kienet timpjegaha quddiem ir-Rayonen sad Plovdiv (il-Qorti Distrettwali ta' Plovdiv), fejn talbet, b'mod partikolari, il-ħlas ta' kumpens ta' ammont ta' BGN 7 125 (madwar EUR 3 641) għall-285 il-ġurnata ta' leave annwali mħallas mhux użat, jiġifieri 57 il-ġurnata fis-sena, għall-perijodu mit-30 ta' April 2004 sat-13 ta' Novembru 2008, kif ukoll l-ammont ta' BGN 1 100 (madwar EUR 562) għad-dewmien fil-ħlas ta' dawn il-kumpensi, għall-perijodu mit-13 ta' Novembru 2008 sal-1 ta' Lulju 2009.

19 L-imsemmi rikors ġie miċħud permezz ta' sentenza tal-15 ta' April 2010, li ġiet ikkonfermata fl-appell permezz ta' sentenza tal-10 ta' Frar 2011 tal-Okrazhen sad Plovdiv (il-Qorti Reġjonali ta' Plovdiv, il-Bulgarija).

20 QH ippreżentat appell minn din l-aħħar sentenza quddiem il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni. Permezz ta' digriet tal-25 ta' Ottubru 2011, l-imsemmija qorti ma awtorizzatx dan l-appell u kkonfermat il-fondatezza tas-sentenza tal-15 ta' April 2010, mogħtija fl-ewwel istanza mir-Rayonen sad Plovdiv (il-Qorti Distrettwali ta' Plovdiv), kif ikkonfermata fl-appell.

21 B'mod partikolari, il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni qieset li ċ-ċaħda, mill-qrati li ddeċidew fuq il-mertu, tat-talba li kienet tressqet quddiemhom minn QH u li kienet intiża, essenzjalment, sabiex ħaddiem imkeċċi illegalment ikollu d-dritt li jikseb kumpens għal leave annwali mħallas mhux użat għall-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija u dik tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg abbażi ta' sentenza li saret definittiva, kienet konformi mal-ġurisprudenza vinkolanti tagħha.

22 Skont din il-ġurisprudenza, matul il-perijodu mit-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg sal-annullament tat-tkeċċija permezz ta' sentenza definittiva u r-reintegrazzjoni tal-ħaddiem illegalment imkeċċi fl-impjieg preċedenti tiegħu, għandu jitqies li dan tal-aħħar ma pprovdiex xogħol veru u proprju abbażi tar-relazzjoni ta' impjieg, b'tali mod li għal dan il-perijodu, ma jitnissel l-ebda dritt għal-leave annwali mħallas għal dan il-ħaddiem, u, fil-każ ta' tkeċċija ġdida, il-persuna li timpjega ma hija obbligata li tagħti lill-ħaddiem. Għall-imsemmi perijodu, ebda kumpens għal-leave annwali mħallas mhux użat, hekk kif previst fl-Artikolu 224(1) tal-Kodiċi Industrijali.

23 QH ippreżentat rikors għad-danni quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-Rayonen sad Haskovo (il-Qorti Distrettwali ta' Haskovo, il-Bulgarija), kontra l-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, intiż sabiex tikseb kumpens għad-danni li hija tqis li ġarrbet minħabba l-fatt li l-imsemmija qorti kisret id-dritt tal-Unjoni fid-digriet tagħha tal-25 ta' Ottubru 2011. Insostenn ta' dan ir-rikors, QH issostni, b'mod partikolari, li l-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni messha applikat l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u rrikonoxxitilha d-dritt għal-leave annwali mħallas għall-perijodu li matulu hija ma setgħetx tibbenefika minnu minħabba t-tkeċċija illegali tiegħu. QH tkompli tesponi li jekk il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni kellha dubji dwar il-possibbiltà li tapplika din id-dispożizzjoni, inkwantu qorti suprema, hija kellha tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, skont QH, in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu li l-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni għandha li tagħmel domandi preliminari għandu jitqies bħala nuqqas min-naħa tagħha li wassal sabiex QH iġġarrab dannu, fl-ammont tas-somom mitluba.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Rayonen sad Haskovo (il-Qorti Distrettwali ta' Haskovo) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti domandi preliminari:

"1) L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva [2003/88] għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni jew prassi nazzjonali li minnhom jirriżulta li ħaddiem li kien tkeċċa b'mod illegali u li mbagħad reġa' ngħata x-xogħol tiegħu mill-qorti, ma huwiex intitolat għal-leave annwali mħallas fir-rigward taż-żmien bejn it-tkeċċija u l-għoti lura tax-xogħol tiegħu?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni u/jew prassi nazzjonali li minnhom jirriżulta li, fil-każ ta' terminazzjoni sussegwenti tar-relazzjoni ta' xogħol [impjieg], dan il-ħaddiem ma huwiex intitolat għal kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas mhux meħud fir-rigward taż-żmien bejn it-tkeċċija preċedenti tiegħu u l-għoti lura tax-xogħol tiegħu?"

Il-Kawża C-37/19

25 CV, impjegata ta' Iccrea Banca, tkeċċiet permezz ta' ittra tal-11 ta' Lulju 2002, bħala riżultat ta' proċedura ta' sensji kollettivi. Madankollu, permezz ta' digriet tal-4 ta' Settembru 2003, it-Tribunale di Roma (il-Qorti Distrettwali ta' Ruma, l-Italja) ordnat ir-reintegrazzjoni ta' CV fl-impjieg tagħha, b'effett mis-6 ta' Ottubru 2003.

26 Permezz ta' ittri tat-13 ta' Ottubru u tal-15 ta' Novembru 2003, Iccrea Banca xoljiet mill-ġdid il-kuntratt ta' xogħol ta' CV, b'effett immedjat. Madankollu, iż-żewġ atti ta' tkeċċija ġew iddikjarati illegali permezz ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji li kisbu awtorità ta' *res judicata* u CV ġiet irreintegrata fl-impjieg tagħha, b'effett mis-26 ta' Settembru 2008.

27 Fis-17 ta' Settembru 2010, il-kuntratt ta' xogħol ta' CV ġie xolt mill-ġdid.

28 Fil-frattemp, CV ippreżentat żewġ rikorsi quddiem it-Tribunale di Roma (il-Qorti Distrettwali ta' Ruma) u mingħandha kisbet żewġ digrieti li jordnaw lil Iccrea Banca tħallas, fl-ewwel wieħed, is-somma ta' EUR 3 521, miżjuda bl-ispejjeż anċillari, bħala ammont dovut għal 30.5 ġurnata ta' leave kif ukoll 5 ġranet ta' leave speċjali miksub u mhux meħud, abbażi ta' vaganzi pubbliċi mħassra, għas-sena 2003, u, it-tieni wieħed, is-somma ta' EUR 2 596.16, miżjuda bl-ispejjeż anċillari, bħala ammont dovut għal 27 ġranet ta' leave kif ukoll 5 ġranet ta' leave speċjali miksub u mhux meħud, għas-sena 2004, abbażi ta' vaganzi pubbliċi mħassra.

29 Wara l-oppożizzjoni li saret minn Iccrea Banca, it-Tribunale di Roma (il-Qorti Distrettwali ta' Ruma) irrevokat l-ewwel digriet u kkundannat lil Iccrea Banca għall-ħlas tas-somma gross ta' EUR 3 784.82, għall-istess raġunijiet iżda biss għall-perijodu ta' qabel id-data tat-tieni tkeċċija. Barra minn hekk, it-Tribunale di Roma (il-Qorti Distrettwali ta' Ruma) irtirat it-tieni digriet dwar id-drittijiet invokati għas-sena 2004.

30 CV appellat minn dawn is-sentenzi. Il-Corte d'appello di Roma (il-Qorti tal-Appell ta' Ruma, l-Italja), filwaqt li għamlet riferiment għal ġurisprudenza preċedenti tal-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja), ċaħdet dawn l-appelli, għar-raġuni li, matul il-perijodu ikkonċernat mit-talba ta' CV, din ma kinitx wettqet xogħol effettiv, id-dritt għall-kumpens b'sostituzzjoni tal-leave u tal-leave speċjali jista' jiġi rrikonoxxut biss jekk matul il-perijodu ta' riferiment tkun ġiet eżerċitata attività professjonali.

31 CV ippreżentat, quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni), appell kontra dawn id-deċiżjonijiet tal-Corte d'appello di Roma (il-Qorti tal-Appell ta' Ruma).

32 Il-qorti tar-rinviju tispeċifika li t-talba li hija s-suġġett tal-proċedura mressqa quddiemha hija limitata għall-konstatazzjoni tad-dritt ta' CV għall-kumpens b'sostituzzjoni tal-leave u tal-leave speċjali mhux użat għall-perijodu mill-15 ta' Novembru 2003 sal-31 ta' Diċembru 2004. B'mod partikolari, skont l-imsemmija qorti, f'dak li jirrigwarda dan il-perijodu, tqum il-kwistjoni ta' jekk, abbażi tal-Artikolu 31 tal-Karta u tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, il-ħaddiem imkeċċi illegalment, u sussegwentement irreintegrat fl-impjieg tiegħu, għandux dritt għall-kumpens b'sostituzzjoni tal-leave annwali mħallas mhux użat għall-perijodu ta' bejn it-tkeċċija tiegħu u r-reintegrazzjoni tiegħu.

33 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tqis, qabel kollox, li, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, ma jistax jiġi eskluż li l-eżekuzzjoni tal-attività professjonali matul il-perijodu ta' riferiment ma tkunx rekwiżit *sine qua non* tad-dritt għal-leave annwali mħallas u li, f'kull każ, l-influwenza ta' fatturi esterni mhux imputabbli għall-ħaddiem tista' tkun rilevanti għall-finijiet tar-rikonoxximent ta' kumpens b'sostituzzjoni tal-leave annwali mħallas mhux użat.

34 Wara dan, il-qorti tar-rinviju tenfasizza ċerti aspetti rilevanti tal-ġurisprudenza Taljana fil-qasam ta' tkeċċija, ta' reintegrazzjoni fl-impjieg u ta' dritt għal kumpens għal leave mhux meħud fil-każ ta' reintegrazzjoni.

35 B'mod partikolari, minn naħa, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li l-ġurisprudenza Taljana hija stabbilita fir-rigward tal-fatt li jitqies li, ladarba l-illegalità tax-xoljiment tiġi kkonstatata minn qorti, il-ħaddiem bħala prinċipju għandu dritt għar-reintegrazzjoni fil-post tax-xogħol tiegħu. Id-deċiżjoni ġudizzjarja li tordna r-reintegrazzjoni tal-ħaddiem għandha l-effett li tistabbilixxi mill-ġdid ir-relazzjoni ta' impjieg, u għalhekk l-imsemmija relazzjoni għandha titqies li hija kkostitwita mill-ġdid għall-finijiet kollha ġuridiċi u ekonomiċi biss abbażi tad-deċiżjoni tal-qorti, mingħajr ma jkun meħtieġ li l-persuna li timpjega twettaq proċedura ġdida ta' impjieg. Min-naħa l-oħra, il-konstatazzjoni mill-qorti tal-illegalità tat-tkeċċija u l-ordni sussegwenti ta' reintegrazzjoni, skont l-Artikolu 18 tal-Liġi Nru 300/1970, tkun tinvolvi l-kostituzzjoni mill-ġdid *de jure* tar-relazzjoni ta' impjieg, li għalhekk għandha titqies bħala li qatt ma ġiet xolta.

36 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tesponi l-ġurisprudenza tagħha li tgħid li, fil-każ ta' tkeċċija ddikjarata illegali, l-għoti lill-ħaddiem tar-remunerazzjonijiet irċevuti għall-perijodu mid-data tal-komunikazzjoni tat-tkeċċija sad-data tal-eżerċizzju tad-dritt tal-għażla tal-kumpens b'sostituzzjoni tar-reintegrazzjoni ma jinkludix il-kumpens b'sostituzzjoni tal-leave mhux meħud u lanqas dak għal-leave speċjali għal tnaqqis fix-xahar tal-ħin tax-xogħol. Skont l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju, din is-soluzzjoni hija ġġustifikata fid-dawl tan-natura ibrida ta' dawn il-kumpensi, li fl-istess ħin huma intiżi kemm bħala kumpens għal dannu kif ukoll bħala ħlas ta' remunerazzjoni, b'tali mod li dawn huma dovuti biss fil-każ fejn il-ħaddiem, li jkun effettivament fis-servizz, eżerċita l-attività tiegħu matul is-sena kollha mingħajr ma ħa l-leave. L-impjegat imkeċċi ma jinstabx fl-istess sitwazzjoni, peress li, matul il-perijodu ta' bejn ix-xoljiment tal-kuntratt tiegħu u l-eżerċizzju tal-għażla tal-kumpens, huwa kien jinstab f'sitwazzjoni ta' mistrieħ, għalkemm "mhux minn jeddu".

37 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti domanda preliminari:

"L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 u l-Artikolu 31(2) tal-[Karta], anki meqjusa separatament, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu dispożizzjonijiet u/jew prattiki nazzjonali li fuq il-bażi tagħhom, fil-każ ta' tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol [impjieg], id-dritt għall-ħlas ta' kumpens pekunjarju għal-leave annwali miksub u li ma tteħidx (u għal arranġament ġuridiku bħall-imsejħa, "Festività soppresse" [vaganzi pubbliċi mħassra], simili min-natura u l-funzjoni tiegħu għal-leave annwali) ma huwiex irrikonoxxut, f'kuntest fejn il-ħaddiem ma setax jinvokah, qabel it-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol, minħabba fatt illegali (tkeċċija kkonstatata illegali b'mod definittiv mill-qorti nazzjonali b'deċiżjoni li tordna l-istabbiliment mill-ġdid retroattiv tar-relazzjoni ta' xogħol) imputabbli lill-persuna li timpjega, fil-limitu tal-perijodu dekorribbli bejn l-aġir ta' din tal-aħħar u r-reintegrazzjoni sussegwenti?"

38 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Ewwel Awla tat-2 ta' Marzu 2020, il-Kawżi C-762/18 u C-37/19 ġew magħqudin għall-finijiet tas-sentenza.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-762/18

39 Fl-ewwel lok, il-Gvern Bulgaru jsostni li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandiex ġurisdizzjoni biex teżamina d-domandi magħmula fil-kuntest tal-Kawża C-762/18, sa fejn l-azzjoni għal danni ta' QH hija direttament marbuta mal-ewwel tkeċċija ta' din tal-aħħar u li din it-tkeċċija seħħet fid-29 ta' April 2004, jiġifieri qabel l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija mal-Unjoni Ewropea, jiġifieri fl-1 ta' Jannar 2017.

40 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, hekk kif jirriżulta mill-punti 21 sa 23 ta' din is-sentenza, it-talba ta' QH hija intiża għal ħlas ta' kumpens għad-danni li jirriżultaw mill-allegat ksur mill-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, sa fejn l-imsemmija qorti applikat ġurisprudenza nazzjonali dwar l-effetti ġuridiċi tal-annullament ta' din l-ewwel tkeċċija u tar-reintegrazzjoni tal-persuna kkonċernata fl-impjieg tagħha li hija inkompatibbli ma din id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-762/18 tistaqsi dwar il-kompatibbiltà ta' tali ġurisprudenza nazzjonali mal-imsemmija dispożizzjoni, b'tali mod li d-domandi li hija tagħmel huma marbutin mal-konsegwenzi ġuridiċi li jirriżultaw mill-annullament tal-ewwel tkeċċija ta' QH kif ukoll mir-reintegrazzjoni tagħha fl-impjieg li hija kellha.

41 Hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Kondizzjonijiet ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-Aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija Stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU 2005, L 157, p. 203), id-dispożizzjonijiet tat-Trattati oriġinali u tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet qabel l-adeżjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2003/88, huma vinkolanti fuq ir-Repubblika tal-Bulgarija mid-data tal-adeżjoni tagħha, bir-riżultat li dawn japplikaw għall-effetti futuri ta' sitwazzjonijiet li jitnisslu qabel l-adeżjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević, C-630/17, EU:C:2019:123, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Madankollu, għalkemm l-ewwel tkeċċija ta' QH seħħet qabel l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija mal-Unjoni Ewropea, l-annullament tagħha u r-reintegrazzjoni ta' QH fl-impjieg li hija kellha, li l-konsegwenzi ġuridiċi tagħhom huma s-suġġett tal-kwistjoni fil-kawża prinċipali, it-tnejn li huma seħħew wara din id-data. Konsegwentement, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 huwa applikabbli *ratione temporis* għall-effetti ta' dan l-annullament u ta' din ir-reintegrazzjoni, sa fejn tali effetti kienu prodotti wara l-1 ta' Jannar 2007.

43 Fit-tieni lok, fil-kuntest tal-Kawża C-762/18, kemm il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni kif ukoll il-Gvern Bulgaru jsostnu li, matul il-perijodu ta' bejn id-data tal-ewwel tkeċċija ta' QH u d-data tar-reintegrazzjoni tagħha fl-impjieg li hija kellha, din ma kellhiex il-kwalità ta' "ħaddiema", fis-sens tad-Direttiva 2003/88 u, għaldaqstant, la kienet taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, u lanqas, b'mod ġenerali, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, b'tali mod li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar id-domandi magħmula f'din il-kawża.

44 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-Direttiva 2003/88 ma hijiex applikabbli għall-ħaddiema u li għandha titqies bħala "ħaddiem" persuna li twettaq, matul ċertu żmien, favur persuna oħra u taħt it-tmexxija tagħha, prestazzjonijiet li bħala korrispettiv għalihom hija tirċievi remunerazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Novembru 2018, Sindicatul Familia Constanța *et*, C-147/17, EU:C:2018:926, punti 40 u 41).

45 F'dan il-każ, id-domandi magħmula fil-kuntest tal-Kawża C-762/18 jirrigwardaw id-dritt għal-leave annwali mħallas fil-kuntest ta' tkeċċija illegali ta' ħaddiem u tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu, konformement mad-dritt nazzjonali, abbażi ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

46 Madankollu, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, skont id-dritt Bulgaru, il-konstatazzjoni tal-illegalità ta' tkeċċija timplika li l-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija u d-data tar-reintegrazzjoni tal-persuna kkonċernata fl-impjieg tagħha għandu jitqies, retroattivament, bħala li jifforma parti mit-tul tas-servizz ta' din il-persuna fir-rigward tal-persuna li timpjegaha.

47 Konsegwentement, f'din il-kawża d-Direttiva 2003/88 hija applikabbli *ratione materiae* għat-tilwima fil-kawża prinċipali.

48 Minn dak li ġie espost iktar 'il fuq jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja hija msejjħa tinterpreta dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali, b'tali mod li hija għandha ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi d-domandi magħmula fil-Kawża C-762/18.

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-37/19

49 Iccrea Banca u l-Gvern Taljan għandhom dubji dwar l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa fil-Kawża C-37/19, minħabba li d-deċiżjoni ta' rinviju f'din il-kawża hija vvizzjati minn nuqqas ta' preċiżjoni u ta' ċarezza f'dak li jirrigwarda l-fatti u jew il-leġiżlazzjoni jew il-prattiċi nazzjonali li jistgħu eventwalment ikunu jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni.

50 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-qorti tar-rinviju tidentifika suffiċjentement skont id-dritt kemm id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li tagħhom hija meħtieġa interpretazzjoni kif ukoll il-ġurisprudenza nazzjonali li tista' tkun inkompatibbli ma dawn id-dispożizzjonijiet. Barra minn hekk, l-elementi li jinstabu fit-talba għal deċiżjoni preliminari jippermettu li wieħed jifhem kemm id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju kif ukoll il-kuntest li fih din saret.

51 Minn dan isegwi li t-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-37/19 hija ammissibbli.

Fuq l-ewwel domanda fil-Kawża C-762/18

52 Permezz tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-762/18, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li abbażi tagħha ħaddiem imkeċċi illegalment, u sussegwentement irreintegrat fl-impjieg tiegħu, konformement mad-dritt nazzjonali, wara l-annullament tat-tkeċċija tiegħu permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, ma għandux dritt għal leave annwali mħallas għall-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija u d-data tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu, għar-raġuni li, matul dan il-perijodu, dan il-ħaddiem ma wettaqx xogħol effettiv fis-servizz tal-persuna li timpjega.

53 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-formulazzjoni nnifisha tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88, kull ħaddiem huwa intitolat għal-leave annwali bil-ħlas ta' mill-inqas erba' ġimgħat. Dan id-dritt għal-leave annwali mħallas għandu jitqies bħala prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni li għandu importanza partikolari u li għandu jiġi applikat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biss fil-limiti stipulati espressament mid-Direttiva 2003/88 stess (sentenza tad-29 ta' Novembru 2017, King, C-214/16, EU:C:2017:914, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li d-dritt għal-leave annwali mħallas, fil-kwalità tiegħu ta' prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni, għandu mhux biss importanza partikolari, iżda huwa wkoll espressament stabbilit fl-Artikolu 31(2) tal-Karta, li għandha, skont l-Artikolu 6(1) TUE, l-istess saħħa legali bħat-Trattati (sentenza tal-21 ta' Ġunju 2012, ANGED, C-78/11, EU:C:2012:372, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Iktar minn hekk, hekk kif diġà ġie deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt għal-leave annwali mħallas ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv (sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Sobczyszyn, C-178/15, EU:C:2016:502, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 Fl-aħħar nett, minn kliem id-Direttiva 2003/88 u mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, għalkemm huma l-Istati Membri li għandhom jiddefinixxu l-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju u ta' implimentazzjoni tad-dritt għal-leave annwali mħallas, huma għandhom jastjenu ruħhom milli jissuġġettaw għal xi kundizzjoni l-kostituzzjoni stess tal-imsemmi dritt li jirriżulta direttament minn din id-direttiva (sentenza tad-29 ta' Novembru 2017, King, C-214/16, EU:C:2017:914, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt għal leave annwali, stabbilit fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, għandu għan doppju, jiġifieri li jippermetti li l-ħaddiem jistrieħ mit-twettiq tal-kompiti li huwa obbligat li jwettaq skont il-kuntratt ta' xogħol tiegħu, minn naħa, u li jgawdi perijodu ta' rilassament u rikreazzjoni, min-naħa l-oħra (sentenza tal-20 ta' Lulju 2016, Maschek, C-341/15, EU:C:2016:576, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Dan l-għan, li jiddistingwi l-leave annwali mħallas minn tipi oħra ta' leave b'għanijiet differenti, huwa bbażat fuq il-premessa li l-ħaddiem effettivament ħadem matul il-perijodu ta' riferiment. Fil-fatt, l-għan li jippermetti li l-ħaddiem jistrieħ jippreżumi li dan il-ħaddiem kien eżerċita attività li tiġġustifika, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tiegħu msemmija mid-Direttiva 2003/88, il-benefiċċju ta' perijodu ta' mistrieħ, ta' serħan u ta' rikreazzjoni. Għaldaqstant, id-drittijiet għal-leave annwali mħallas għandhom bħala prinċipju jiġu kkalkolati skont perijodi ta' xogħol effettiv imwettqa bis-saħħa tal-kuntratt tax-xogħol (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Dicu, C-12/17, EU:C:2018:799, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Dan espost, f'ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi li fihom il-ħaddiem ma jkunx kapaċi jwettaq il-funzjonijiet tiegħu, l-Istat Membru ma jistax jissuġġetta d-dritt għal-leave annwali mħallas għall-obbligu li l-ħaddiem ikun effettivament ħadem (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Dan japplika, b'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda l-ħaddiema li huma assenti mix-xogħol minħabba leave tal-mard matul il-perijodu ta' riferiment. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tad-dritt għal-leave annwali mħallas, dawn il-ħaddiema huma assimilati għal dawk li effettivament ħadmu matul dan il-perijodu (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Dicu, C-12/17, EU:C:2018:799, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 Għalhekk, skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, il-fatt li ħaddiem ikun fuq leave tal-mard matul il-perijodu ta' riferiment ma jistax jaffettwa d-dritt tiegħu għal-leave annwali mħallas ta' mill-inqas erba' ġimgħat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punt 30).

62 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjonijiet jew prattiki nazzjonali li jipprevedu li d-dritt għal-leave annwali mħallas jiġi estint mat-terminazzjoni tal-perijodu ta' riferiment u/jew ta' perijodu għall-ġarr tal-leave stabbilit mid-dritt nazzjonali meta l-ħaddiem kien bil-leave tal-mard matul parti mill-perijodu jew matul il-perijodu kollu ta' riferiment u meta, għaldaqstant, huwa ma setax jeżerċita effettivament l-imsemmi dritt (sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Sobczyszyn, C-178/15, EU:C:2016:502, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 Skont il-ġurisprudenza hekk imfakkra, huwa, għalhekk, esklużi li d-dritt ta' ħaddiem għal-leave annwali mħallas minimu, iggarantit mid-dritt tal-Unjoni, jitnaqqas f'sitwazzjoni kkaratterizzata mill-fatt li l-ħaddiem ma setgħax iwettaq l-obbligu ta' xogħol tiegħu minħabba marda matul il-perijodu ta' riferiment (sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Eżami mill-ġdid tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Strack, C-579/12 RX-II, EU:C:2013:570, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

64 Għalhekk, id-Direttiva 2003/88 la tippermetti li l-Istati Membri jeskludu t-tnissil tad-dritt għal-leave annwali mħallas u lanqas ma tippermetti li jipprevedu li d-dritt għal-leave annwali mħallas ta' ħaddiem li ġie preklużmilli jeżerċita dan id-dritt jiġi estint mal-iskadenza tal-perijodu ta' riferiment u/jew ta' perijodu ta' ġarr tal-leave stabbilit mid-dritt nazzjonali (sentenza tad-29 ta' Novembru 2017, King, C-214/16, EU:C:2017:914, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Għalhekk, għandu jiġi vverifikat jekk il-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza dwar id-dritt għal-leave annwali mħallas ta' ħaddiem li, minħabba marda, ma kienx f'pożizzjoni li jeżerċita d-dritt tiegħu għall-imsemmi leave matul il-perijodu ta' riferiment u/jew matul il-perijodu ta' ġarr tal-leave stabbilit mid-dritt nazzjonali jistgħux jiġu trasposti, *mutatis mutandis*, għal sitwazzjoni, bħal dawk inkwistjoni fil-kawżi prinċipali preżenti, fejn ħaddiem imkeċċi illegalment, u sussegwentement irreintegrat fl-impjieg tiegħu, konformement mad-dritt nazzjonali, wara l-annullament tat-tkeċċija tiegħu permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, ma wettaqx, matul il-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija illegali u d-data tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu, xogħol effettiv fis-servizz tal-persuna li timpjegah.

66 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li sabiex tidderoga, f'dak li jirrigwarda l-ħaddiema assenti mix-xogħol minħabba leave tal-mard, mill-prinċipju li jgħid li d-drittijiet għal-leave annwali għandhom jiġu ddeterminati skont perijodi ta' xogħol effettiv, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq il-fatt li s-seħħ ta' inkapaċità għax-xogħol minħabba mard huwa, bħala prinċipju, imprevedibbli u indipendenti mir-rieda tal-ħaddiem (ara b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Dicu, C-12/17, EU:C:2018:799, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, l-istess bħas-seħħ ta' inkapaċità għax-xogħol minħabba mard, il-fatt li ħaddiem ġie mċaħħad mill-possibbiltà li jaħdem minħabba tkeċċija li ġiet sussegwentement iddikjarata illegali huwa, bħala prinċipju, imprevedibbli u indipendenti mir-rieda ta' dan il-ħaddiem.

68 Fil-fatt, hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 48 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-fatt li l-ħaddiem ikkonċernat ma wettaqx, matul il-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija illegali tiegħu u d-data tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu, konformement mad-dritt nazzjonali, wara l-annullament ta' din it-tkeċċija permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, xogħol effettiv fis-servizz tal-persuna li timpjegah huwa r-riżultat tal-atti ta' din tal-aħħar li wasslu għat-tkeċċija illegali, li fl-assenza tagħha l-imsemmi ħaddiem kien ikun f'pożizzjoni li jaħdem matul l-imsemmi perijodu u li jeżerċita d-dritt tiegħu għal-leave annwali.

69 Għalhekk, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawżi prinċipali preżenti, il-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija illegali u d-data tar-reintegrazzjoni tal-ħaddiem fl-impjieg tiegħu, konformement mad-dritt nazzjonali, wara l-annullament ta' din it-tkeċċija permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, għandu jiġi assimilat għal perijodu ta' xogħol effettiv għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-drittijiet għal-leave annwali mħallas.

70 Għaldaqstant, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-dritt għal-leave annwali mħallas ta' ħaddiem li, minħabba marda, ma kienx f'pożizzjoni li jeżerċita d-dritt tiegħu għall-imsemmi leave matul il-perijodu ta' riferiment u/jew matul il-perijodu ta' ġarr tal-leave stabbilit mid-dritt nazzjonali tista' tiġi trasposta, *mutatis mutandis*, għal sitwazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali f'kull waħda mill-kawżi preżenti, fejn ħaddiem imkeċċi illegalment, u sussegwentement irreintegrat

fl-impjieg tiegħu, konformement mad-dritt nazzjonali, wara l-annullament tat-tkeċċija tiegħu permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, ma wettaqx, matul il-perijodu ta' bejn id-data ta' din it-tkeċċija illegali u dik tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu, xogħol effettiv fis-servizz tal-persuna li timpjegah.

71 Fit-tielet lok, għandu jitfakkar li, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi li fihom ikun jinsab ħaddiem li ma huwiex kapaċi jaħdem għal diversi perijodi ta' riferiment konsekuttivi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fid-dawl mhux biss tal-protezzjoni tal-ħaddiem imfittxija mid-Direttiva 2003/88, iżda wkoll ta' dik tal-persuna li timpjega, li tkun affaċċjata bir-riskju ta' kumulu eċċessivament kbir ta' perijodi ta' assenza tal-ħaddiem u bid-diffikultajiet li dan jista' jinvolvi għall-organizzazzjoni tax-xogħol, l-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix dispożizzjonijiet jew prattiki nazzjonali, li jillimitaw, għal perijodu ta' żgarr tal-leave ta' ħmistax-il xahar li fl-iskadenza tiegħu d-dritt għal-leave annwali mħallas jiġi estint, il-kumulu tad-drittijiet għal tali leave ta' ħaddiem li jkun ilu mhux kapaċi li jaħdem għal diversi perijodi ta' riferiment konsekuttivi (sentenza tad-29 ta' Novembru 2017, King, C-214/16, EU:C:2017:914, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 Madankollu, hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 49 tal-konklużjonijiet tiegħu, ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawżi prinċipali preżenti ma jistgħux jiġġustifikaw deroga mill-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, li jgħid li dritt għal-leave annwali mħallas miksub ma jkunx estint mal-iskadenza tal-perijodu ta' riferiment u/jew ta' perijodu ta' żarr tal-leave stabbilit mid-dritt nazzjonali, meta l-ħaddiem ma kienx f'pożizzjoni li jieħu l-leave tiegħu.

73 Fil-fatt, minn naħa, konformement mal-ġurisprudenza mfakkar fil-punt 55 ta' din is-sentenza, id-dritt għal-leave annwali mħallas ma għandux jiġi interpretat b'mod restrittiv.

74 Għalhekk, kull deroga mis-sistema tal-Unjoni fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol prevista mid-Direttiva 2003/88 għandha tingħata interpretazzjoni li tillimita l-portata tagħha għal dak li huwa strettament neċessarju sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi li din id-deroga tippermetti li jiġu protetti (sentenza tad-29 ta' Novembru 2017, King, C-214/16, EU:C:2017:914, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Madankollu, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawżi prinċipali preżenti, protezzjoni tal-interessi tal-persuna li timpjega ma jidhirx li hija strettament neċessarja u, għaldaqstant, ma jidhirx li hija ta' natura li tiġġustifika deroga mid-dritt għal-leave annwali mħallas tal-ħaddiem.

76 Min-naħa l-oħra, hekk kif ġie osservat fil-punt 68 ta' din is-sentenza, ukoll f'tali ċirkustanzi, huwa minħabba atti tal-persuna li timpjega nnifisha, peress li din wettqet it-tkeċċija illegali tal-ħaddiem ikkonċernat, li, matul il-perijodu ta' bejn id-data ta' din it-tkeċċija u d-data tar-reintegrazzjoni tal-imsemmi ħaddiem fl-impjieg tiegħu, dan tal-aħħar la kien f'pożizzjoni li jaħdem u lanqas, b'konsegwenza ta' dan, li jeżerċita d-dritt tiegħu għal-leave annwali.

77 Madankollu, għandu jitfakkar li hija l-persuna li timpjega li għandha tiżgura li l-ħaddiem ikun f'pożizzjoni li jeżerċita d-dritt għal-leave annwali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Kreuziger, C-619/16, EU:C:2018:872, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan ir-rigward, b'differenza minn sitwazzjoni ta' kumulu ta' drittijiet għal-leave annwali mħallas ta' ħaddiem prekluż milli jieħu l-imsemmi leave għal raġunijiet ta' mard, il-persuna li timpjega li ma tqigħedx ħaddiem f'pożizzjoni li jeżerċita d-dritt tiegħu għal-leave annwali mħallas għandha tassumi l-konsegwenzi ta' dan (sentenza tad-29 ta' Novembru 2017, King, C-214/16, EU:C:2017:914, punt 63).

78 Konsegwentement, ħaddiem imkeċċi illegalment, u sussegwentement irreintegrat fl-impjieg tiegħu, konformement mad-dritt nazzjonali, wara l-annullament tat-tkeċċija tiegħu permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, għandu d-dritt li jinvoka d-drittijiet kollha tiegħu għal-leave annwali mħallas miksuba matul il-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija illegali u d-data tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu, wara dan l-annullament.

79 Fl-aħħar nett, għandu jiġi speċifikat, hekk kif jagħmel l-Avukat Ġenerali fil-punt 59 tal-konklużjonijiet tiegħu, li, fil-każ fejn il-ħaddiem ikkonċernat kellu impjieg ieħor matul il-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija illegali u dik tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-ewwel impjieg tiegħu, dan il-ħaddiem ma għandux ikun intitolat, fir-rigward tal-ewwel persuna li timpjega, għad-drittijiet għal-leave annwali li jikkorrispondu għall-perijodu li matulu huwa kellu impjieg ieħor.

80 Fil-fatt, f'tali ċirkustanzi, huwa fir-rigward tal-persuna li timpjega l-ġdida li l-ħaddiem ikkonċernat għandu jinvoka d-drittijiet tiegħu għal-leave annwali mħallas li jikkorrispondi għal dan l-aħħar perijodu.

81 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda fil-Kawża C-762/18 għandha tkun li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li abbażi tagħha ħaddiem imkeċċi illegalment, u sussegwentement irreintegrat fl-impjieg tiegħu, konformement mad-dritt nazzjonali, wara l-annullament tat-tkeċċija tiegħu permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, ma għandux dritt għal leave annwali mħallas għall-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija u d-data tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu, għar-raġuni li, matul dan il-perijodu, dan il-ħaddiem ma wettaqx xogħol effettiv fis-servizz tal-persuna li timpjega.

Fuq it-tieni domanda fil-Kawża C-762/18 u fuq l-unika domanda fil-Kawża C-37/19

82 Permezz tat-tieni domanda fil-Kawża C-762/18 u permezz tal-unika domanda fil-Kawża C-37/19, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qrati tar-rinviju jistaqsu, essenzjalment, jekk l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li abbażi tagħha, fil-każ ta' terminazzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg li sseħħ wara li l-ħaddiem ikkonċernat ġie mkeċċi illegalment, u sussegwentement irreintegrat fl-impjieg tiegħu, konformement mad-dritt nazzjonali, wara l-annullament tat-tkeċċija tiegħu permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, dan il-ħaddiem ma għandux dritt għal kumpens finanzjarju abbażi tal-leave annwali mħallas mhux użat matul il-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija illegali u dik tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu.

83 Għandu jitfakkar li d-dritt għal-leave annwali jikkostitwixxi biss wieħed miż-żewġ aspetti tad-dritt għal-leave annwali mħallas bħala prinċipju essenzjali tad-dritt soċjali tal-Unjoni rifless fl-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar xi aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 197) u fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, li fil-frattemp ġie espressament sanċit bħala dritt fundamentali fl-Artikolu 31(2) tal-Karta. L-imsemmi dritt fundamentali għaldaqstant jinvolvi wkoll dritt għal ksib ta' ħlas kif ukoll, bħala dritt inerenti għal dan id-dritt għal-leave annwali "imħallas", id-dritt għal kumpens finanzjarju għal-leave annwali mhux meħud meta r-relazzjoni ta' impjieg tiġi fi tmiemha (sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Bauer u Willmeroth, C-569/16 u C-570/16, EU:C:2018:871, punt 58).

84 Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 ma jistabbilixxi ebda kundizzjoni għall-għoti tad-dritt għal kumpens finanzjarju ħlief dik relatata mal-fatt, minn naħa, li r-relazzjoni ta' impjieg tkun intemmet u, min-naħa l-oħra, li l-ħaddiem ma jkunx ħa l-leave annwali kollu li għalih huwa kien intitolat fid-data meta din ir-relazzjoni ntemmet (sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Kreuziger, C-619/16, EU:C:2018:872, punt 31).

85 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-imsemmija dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni jew prattiki nazzjonali li jipprevedu li, meta tintemm ir-relazzjoni ta' impjieg, l-ebda kumpens finanzjarju għal leave annwali mħallas mhux meħud ma jitħallas lill-ħaddiem li ma setax jieħu l-leave annwali kollu li għalih huwa kien intitolat qabel it-tmiem ta' din ir-relazzjoni ta' impjieg, b'mod partikolari minħabba li kien bil-leave tal-mard

matul il-perijodu ta' referenza kollu jew parti minnu u/jew matul il-perijodu ta' ġarr tal-leave (sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Kreuziger, C-619/16, EU:C:2018:872, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

86 Madankollu, hekk kif jirriżulta mill-punt 78 ta' din is-sentenza, ħaddiem imkeċċi illegalment, u sussegwentement irreintegrat fl-impjieg tiegħu, konformement mad-dritt nazzjonali, wara l-annullament tat-tkeċċija tiegħu permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, huwa intitolat għad-drittijiet għal-leave annwali mħallas miksuba matul il-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija illegali u dik tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu wara dan l-annullament.

87 Konsegwentement, meta l-ħaddiem, l-istess bħall-ħaddiema inkwistjoni f'kull waħda mill-kawżi prinċipali preżenti, wara r-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu wara l-annullament tat-tkeċċija illegali tiegħu, jitkeċċa mill-ġdid, huwa jkun intitolat, abbażi tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88, għal kumpens abbażi tal-leave annwali mhux meħud matul din it-tkeċċija l-ġdida, inkluż il-leave li jikkorrispondi għall-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija illegali u d-data tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu.

88 Madankollu, hekk kif jirriżulta mill-punt 79 ta' din is-sentenza, meta, matul dan il-perijodu, il-ħaddiem ikkonċernat kellu impjieg ieħor, huwa ma jkunx intitolat li jikseb, mingħand l-ewwel persuna li timpjega, kumpens li jikkorrispondi għall-perijodu li matulu huwa kellu dan l-impjieg l-ieħor.

89 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda fil-Kawża C-762/18 kif ukoll għall-unika domanda fil-Kawża C-37/19 għandha tkun li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li abbażi tagħha, fil-każ ta' terminazzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg li sseħħ wara li l-ħaddiem ikkonċernat ġie mkeċċi illegalment, u sussegwentement irreintegrat fl-impjieg tiegħu, konformement mad-dritt nazzjonali, wara l-annullament tat-tkeċċija tiegħu permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, dan il-ħaddiem ma għandux dritt għal kumpens finanzjarju abbażi tal-leave annwali mħallas mhux użat matul il-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija illegali u dik tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu.

Fuq l-ispejjeż

90 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li abbażi tagħha ħaddiem imkeċċi illegalment, u sussegwentement irreintegrat fl-impjieg tiegħu, konformement mad-dritt nazzjonali, wara l-annullament tat-tkeċċija tiegħu permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, ma għandux dritt għal leave annwali mħallas għall-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija u d-data tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu, għar-raġuni li, matul dan il-perijodu, dan il-ħaddiem ma wettaqx xogħol effettiv fis-servizz tal-persuna li timpjega.**

2) **L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li abbażi tagħha, fil-każ ta' terminazzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg li sseħħ wara li l-ħaddiem ikkonċernat ġie mkeċċi illegalment, u sussegwentement irreintegrat fl-impjieg tiegħu, konformement mad-dritt nazzjonali, wara l-annullament tat-tkeċċija tiegħu**

permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja, dan il-ħaddiem ma għandux dritt għal kumpens finanzjarju abbażi tal-leave annwali mħallas mhux użat matul il-perijodu ta' bejn id-data tat-tkeċċija illegali u dik tar-reintegrazzjoni tiegħu fl-impjieg li huwa kellu.

Firem